BorgOlivierLegal
valletta - malta

Paul Borg Olivier LL.D
A d v o c a t e

**25, Flat 22,**
**Vincenti Buildings,**
**Strait Street,**
**Valletta, VLT 1432, Malta**
**m: (356) 79473646**
**e: pborgolivier@gmail.com**

**Dr. Peter Grech**
**Avukat Ġenerali**
**Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali,**
**Admiralty House, 53, Triq Nofsinhar,**
**Valletta, VLT 1101**

**6 ta' Ġunju 2020**

**Talba biex l-Avukat Ġenerali japplika l-Artikolu 569(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jibgħat lura l-atti lill-maġistrat biex tkompli l-investigazzjoni.**

Ninsab inkarigat niktiblek għan-nom tal-NGO Repubblika, wara li il-*procès-verbal* tal-inkjesta dwar id-denunzji minnha mressqa in konnessjoni mal-allegat omiċidju involontarju ta' diversi persuni fis-*Search and Rescue Region* ta' Malta bejn id-9 u l-15 ta' April 2020, kien konkluż u kkomunikat lilek fis-26 ta' Mejju 2020.

Wara li ntlaqgħet it-talba mill-Prim Ministru għal kopja tal-*procès-verbal*, ir-rapport ġie ikkonsenjat lilu fit-30 ta' Mejju 2020 u ppubblikat fl-istess jum permezz ta' stqarrija maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Illi mill-qari akkurat tar-rapport redatt mill-Maġistrat jirriżultaw mankanzi serji bi ksur ta' diversi dispożizzjonijiet tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi li l-*procès-verbal* huwa nieqes mill-formalitajiet rikjesti skond l-Artikolu 550 (5) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk l-investigazzjoni għandha tissokta billi l-uffiċċju tiegħek jerżerċita l-poteri tiegħu u jibgħat lura dawn l-atti lill-Maġistrat skond Artikolu 569(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-mankanzi fil-*procès-verbal* jikkonsistu, fost l-oħrajn;

- fin-nuqqas ta' investigazzjoni dwar l-imwiet ta' tnax-il immigrant;
- fin-nomina ta' esperti, partikolarment dik ta' Dr Lennox Vella, liema nomina saret bi ksur tal-Artikolu 548 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fin-nuqqas tal-Maġistrat li jisma' xhieda oħra importanti fl-inkjesta, partikolarment l-immigranti sopravissuti li jinsabu fiċ-ċentru ta' detenzjoni Tarik al Sikka fil-Libja u li esperjenzaw is-

salvataġġ mid-*dinghy* u r-ritorn tagħhom lejn il-Libja, u dan minkejja li rriżulta kemm mis-suspettati fid-denunzja, kkorroborati mis-sidien tad-dgħajsa involuti fl-operazzjoni, li kienu l-istess suspettati li ordnaw ir-ritorn tal-immigranti lejn il-Libja.

- Illi b'mod deliberat, il-Maġistrat uża mezzi elettroniċi sabiex jisma' xhieda fl-esteru, filwaqt li eskluda oħrajn (sopravissuti), minkejja li jeżistu wkoll mezzi oħra biex dawn ix-xhieda okulari jinstemgħu;
- Referenza minn espert tekniku għal xiehda fantażmi fuq id-denunzja dwar l-ekwipaġġ tal-P52 li ma jidhrux fuq il-lista ta' sitta u sittin immigrant;
- fl-iskartar għal kollox tad-depożizzjoni ta' Clyde Caruana, *Chief of Staff* tal-Prim Ministru, u dik ta' Neville Gafà, liema depożizzjonijiet u l-provi inħbew mill-*procès-verbal* bi ksur tal-Artikolu 550 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- ebda xiehda minn Awtoritajiet Taljani u tal-Frontex sabiex il-fatti jiġu stabbiliti b'mod ampju fil-*procès-verbal;*
- nuqqas tal-Maġistrat li jara jekk l-assi tal-AFM kienu kollha okkupati fil-perijodu imsemmi fid-denunzja, kif intqal mis-suspettat Jeffrey Curmi;
- nuqqas li l-Maġistrat jinvestiga operazzjonijiet oħra fil-perijodu imsemmi fid-denunzji;
- *procès-verbal* li jgħabbi piż inutili fuq il-UNHCR;
- *procès-verbal* taħt dell politiku li injora prova ċara ta' operazzjoni ta' salvataġġ bill-pushback bla kas ta' *Hirsi vs l-Italja*;

**L-Imwiet fuq il-Baħar**

Waħda mid-denunzji irriferiet speċifikatament għall-operazzjoni ta' salvataġġ ta' dgħajsa ta' immigranti li daħlet fis-*SAR* ta' Malta fit-12 ta' April 2020 u li ġiet ritornata, b'*pushback*, lejn il-Libja fil-15 ta' April 2020.

Illi l-Maġistrat kważi jabdika għal kollox milli jipprova jistabilixxi n-numru tal-imwiet, u l-ismijiet tal-istess. Illi l-unika darba li l-ismijiet tal-mejta jissemmew fl-inkjesta hija biss fid-denunzja ta' Repubblika, u fir-rikors li sar mill-familjari ta' tnejn mill-vittmi.

Il-Maġistrat jgħid li kien diffiċli li jiġi stabbilit il-ħin tal-mewt ta' dawn l-immigranti, iżda l-kaptan tal-bastiment Dal al Salam 1 jikkonferma li ħadd ma miet fuq id-dgħajsa waqt ir-ritorn lura lejn il-Libja. Din hija kontrastanti mal-verżjoni ta' dak li ġie rappurtat.

Il-bastiment Dar al Salam 1, kien ingaġġat direttament sabiex jagħmel l-operazzjoni ta' salvataġġ u l-Brigadier Jeffrey Curmi ikkonferma li kien hemm immigranti mejtin meta sar is-salvataġġ. Għalhekk, u għall-anqas skond il-verżjoni tal-fatti li kellu l-maġistrat, dawn mietu qabel is-salvataġġ. Dan ifisser ukoll li minn meta d-*dinghy* daħal fis-*SAR* ta' Malta sakemm sar is-salvataġġ għaddew disa' u tletin siegħa (39) skond ma jirriżulta fl-atti.

Illi, oltre dan, mill-ewwel darba li d-*dinghy* ġie innutat mill-ajrupan tal-Frontex, u bil-veloċità li bih kien għaddej, jirriżulta li dawn kienu ġià ilhom madwar jumejn u nofs fuq il-baħar qabel ma daħal fis-*SAR* ta' Malta. F'dak il-mument, il-kundizzjoni fiżika u psikoloġika tkun ġià qed tiddeterjora, u dan ikun magħruf ukoll minn min qiegħed jagħmel l-operazzjoni ta' salvataġġ. Madankollu, il-Brigadier Curmi, li kien jaf li l-kapaċitajiet tal-assi tal-armati kienu fil-massimu tagħhom, stenna għal iktar minn erbgħa u għoxrin siegħa biex jitlob lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru u jibdew jikkordinaw għall-ingaġġ ta' bastimenti privati. Carmelo Grech, sid Dar al Salam 1, jgħid: "*Issa dawn kienu ilhom ħamest ijiem bil-ġuħ u bil-għatx.*" (paġna 294)

Mir-rapport tal-inkjesta ma jirriżultax jekk l-armata, li kienet qed tikkontrolla l-operazzjoni, staqsietx għar-ritratti tal-mejta u biex dawn jiġu identifikati mill-kumplament tal-immigranti salvati; il-Brigadier skarta għal kollox il-fatt li kien hemm il-mejtin abbord. Anzi, qal, "*la darba l-immigranti **waslu l-art qawwijin u sħaħ**, ix-xogħol tagħna kien kompjut*". (paġna 271)

Dan jidher li ittieħed bħala vanġelu mill-maġistrat inkwirenti, tant li sejjaħ l-operazzjoni bħala waħda ta' suċċess. Madankollu, ma saret ebda mistoqsija lill-Kaptan tal-bastiment, u lill-Brigadier Curmi dawr l-identità u l-imwiet tal-immigranti.

Il-maġistrat skarta għal kollox *email* tal-UNHCR tat-12 ta' Mejju 2020 li tiddeskrivi wkoll il-kundizzjoni ta' dawk li ġew ritornati lejn il-Libja, li nstabu f'kundizzjoni ħażina ta' saħħa fiżika u saħħa mentali.

Il-Maġistrat naqas li jistabillixxi ir-raġuni vera għaliex ingħatat l-ordni li din id-dgħajsa tiġi ritornata lura lejn il-Libja. Ma sar ebda konfront lill-Brigadier Curmi, lil Clyde Caruana, lis-sidien u lill-Kaptan ta' Dar al Salam 1 jekk dan ir-ritorn kienx motivat mill-fatt li kien hemm l-imwiet fuq il-baħar.

**Nomina ta' Esperti**

Illi n-nomina ta Dr Lennox Vella hija deskritta f'paġna 2 tal-*procès-verbal*:

> *"Illi nhar is-Sibt 18 ta' April 2020 il-Maġistrat Inkwirenti nnomina lil Dr Lennox Vella sabiex jieħu x-xiehda tas-sitta u sittin (66) persuna mis-Sudan li waslu Malta fid-9 ta' April 2020 u liema wasla hija identifikata bħala Boat 200."*

Illi tali nomina, limitata biex tisma x-xhieda, f'inkjesta li qed tistħarreġ denunzja li qed tallega omiċidju volontarju bil-piena li ġġib magħha, hija bi ksur tal-proviso ta' Artikolu 548 (1) u 650 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

> *"Iżda wkoll, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 552(2), ebda espert ma għandu jinħatar biss sabiex jisma' x-xhieda bil-ġurament u jieħu x-xiehda*

> *tagħhom bil-miktub u jistabbilixxi l-fatti rilevanti, meta r-reat li għandu jiġi investigat hu wieħed li hu punibbli bi piena massima ta' priġunerija għal seba' snin jew aktar."*

Illi hemm ġurisprudenza ampja li tgħid u tistabilixxi li espert ma għandux jiġi nominat sempliċiment biex jieħu x-xiehda ta' xhud, u li tali nomina tista issir biss meta l-Maġistrat jeħtieġ *expertise* fuq materja partikolari. F'dan ir-rigward, dan ikun qed ifisser li l-Maġistrat qed jiddikjara li ma għandux il-kapaċitajiet legali sabiex jisma' xhud.

Illi oltre dan, il-*procès-verbal* huwa nieqes mir-rapport ta' Dr Lennox Vella li għandu jiġi mdaħħal mal-*procès-verbal*, u jitqies li jagħmel biċċa waħda mill-istess *procès-verbal* skond Artikolu 549 (2) u (3) tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll x-xiehda tax-xhieda mismugħa li fil-każ tas-sitta u sittin immigrant id-depożizzjoni tagħhom hija ukoll nieqsa skond dak il-*procès-verbal* ippublikat.

**Xhieda okulari esklużi milli jinstemgħu**

Illi l-Maġistrat naqas milli jisma' lill-immigranti sopravissuti li ġew ritornati lura lejn il-Libja bejn il-11 u l-15 ta' April 2020.

L-iskartar tas-smigħ ta' dawn ix-xhieda, bi skuża ta' diffikultà minħabba ċ-ċirkostanzi li jinsabu fihom l-immigranti detenuti fil-Libja, mhux biss ma tiġġustifikax il-komportament tal-istess Maġistrat, iżda fuq kollox tivvizzja l-konklużjoni intempestiva tal-*procès-verbal*;

Tiġi nnutata l-brevezza ta' żmien li fih sar il-*procès-verbal*, konkluż f'disgħa u tletin jum minn sittin jum. Madankollu l-Maġistrat naqas milli jevalwa l-importanza tax-xiehda tal-immigranti, ukoll billi jeżerċita l-fakoltà li ttiħ il-liġi taħt Artikolu 550A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħmel rapport bil-miktub lilek fejn jindika r-raġuni tad-dewmien. Ma hemmx dubju li s-smigħ ta' dawn ix-xhieda okulari huwa raġuni mill-iktar valida u ġustifikata sabiex it-termini jiġu estiżi fl-interess tal-integrità u l-kompletezza tal-indaġini fil-*procès-verbal*.

Illi Artikolu 563 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li kull ċirkostanza dwar l-*in genere*, tista' wkoll tiġi vverifikata minn xhieda oħra, mhux biss minn periti, jekk l-eżami tagħhom ikun biżżejjed biex jikxef u jistabbilixxi l-fatt permanenti, li tiegħu jkun meħtieġ li wieħed jiżgura l-prova.

Illi fil-passat il-Gvern Malti ħareġ *visas* għal skopijiet limitati, bħal *medical visas* għal persuni milquta mill-gwerra. Għaldaqstant ukoll, fiċ-ċirkostanza u l-importanza tal-allegazzjonijiet investigati, il-Maġistrat kellu l-fakoltà li, mhux biss jirrakkomanda, iżda fuq kollox jagħti dawk l-ordnijiet u dawk il-provvedimenti kollha sabiex ix-xhieda meħtieġa jinġiebu permezz ta' *visa* speċjali, biex jinstemgħu jgħinu fl-investigazzjoni.

**Xhieda fantażmi**

Illi il-Maġistrat jirriferi għal kontenut elevat minn ċellulari ta' żewġ immigranti, mis-sitta u sittin li kienu fuq id-dinghy u li ġew salvati mill-ekwipaġġ tal-P52 liema ċellulari ġew analizzati mill-espert tekniku Martin Bajada. F'paġni 59/60 tal-*procès-verbal* issir referenza lejn TNC09 u TNC49, bl-ismijiet Adam Saddik u Ibrahim Moawi. Madankollu, dawn l-ismijiet ma jirriżultawx fost is-sitta u sittin immigrant li xehdu bil-ġurament quddiem Dr Lennox Vella li isimhom u n-numru mogħti lilhom mill-Pulizija huma elenkati f'paġni 16, 17 u 18 tal-*procès-verbal*.

**Xiehda ta' Clyde Caruana u Neville Gafà**

Illi x-xiehda u referenza għal kull dokument imressaq minn dawn ix-xhieda huma għal kollox nieqsa mir-rapport. Din ix-xiehda hija relevanti għaliex titfa' dawl fuq id-deċiżjonijiet li ttieħdu għall-operazzjoni ta' salvataġġ ta' dawk l-immigranti li finalment ġew ordnati jittieħdu lura lejn il-Libja. Ir-rapport huwa nieqes għal kollox. Fost dan hemm fatti ewlenin li huwa moħbija fil-*procès-verbal*, relevanti għall-allegazzjoniijiet fid-denunzji, fosthom:

- l-iskambju li sar bejn Clyde Caruana u Neville Gafà;
- l-iskambju li sar bejn Clyde Caruana u l-Brigadier Curmi, li stqarr li id-deċiżjoni li jittieħdu lura kienet waħda politika (ara paġna 271 tal *procès-verbal*, l-aħħar paragrafu);
- minn ingaġġa 'd-dgħajjes privati, li kienu aġenti tal-istat.

Dan irendi 'il-*procès-verbal* bħala wieħed li mhux "*magħmul regolarment*" skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 550 (5) kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula li

> *"Il-proċess verbal għandu jitqies magħmul regolarment li jkun jekk ikun fih fil-qosor ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela, lista tax-xhieda mismugħa u l-provi miġbura, u paragrafu finali li jkun fih il-konklużjonijiet tal-maġistrat inkwirenti."*

**Ebda kuntatt mal-Awtoritajiet Taljani, Libjani u l-Frontex**

Illi ġie stabbilit li f'operazzjonijiet ta' monitoraġġ u salvataġġ il-komunikazzjoni bejn Malta, l-Italja, il-Libja u l-Frontex, mhux biss hija prassi, iżda neċessarja u tifforma parti wkoll mill-obbligi li Malta għandha skont il-liġijiet internazzjonali, kif ukoll skont l-obbligi ta' Border Surveillance taħt ix-Schengen Borders Code.

Minn informazzjoni miksuba minn Repubblika wara l-pubblikazzjoni tal-*procès-verbal* jirriżulta li l-ajruplan tal-Frontex kien qed jagħmel "*a pre-frontier surveillance operation*"

Jgħidu wkoll illi:

> ***"In line with international law, Frontex alerted relevant rescue centres about the sighting of a vessel that it deemed to be in need of assistance.*** *It is the appropriate rescue centre, not Frontex, that decides whether to call on any vessels in the area to come to assistance. Nevertheless, I want to highlight here that Frontex did not have any vessels near this area."*

Illi l-*procès-verbal* ma jidika ebda tentattiv mill-Maġistrat inkwirenti sabiex isir kuntatt u tittieħed ix-xiehda tal-Awtoritajiet esteri imsemmija u relatati mal-operazzjonijiet li seħħew meta x-xiehda tal-Brigadier Jefffrey Curmi, bħala suspettat, jirriferi b'mod dirett għal dawn il-komunikazzjonijiet. Oltre dan, u minkejja li l-Awtoritajiet Maltin kienu jafu li d-dgħajsa kienet fid-direzzjoni tas-SAR ta' Malta, b'veloċità ta madwar Mil wieħed nawtiku fis-siegħa, mit-timeline tal-fatti jirriżulta li l-Forzi Armati taħt it-tmexxija diretta tal-Brigadier Curmi, ma għamlu xejn qabel ma d-dgħajsa daħlet fis-*SAR* ta' Malta. B'hekk intilfu erba' u għoxrin siegħa oħra biex il-Brigadier Curmi jibda' jissuġġerixxi l-ħtieġa tal-ingaġġ ta' *private vessels* peress li l-assi tal-Armata kien laħqu l-kapaċitajiet massimi.

**Ma hemmx prova konklussiva li l-assi tal-Armata kienu kollha okkupati, u li minkejja dan ġew ingaġġati mill-Awtoritajiet Maltin, *private vessels*.**

Jirriżulta mill-*procès-verbal* li mhux l-assi kollha kienu okkupati f'operazzjonijiet jew xogħol ieħor tal-Armata, u minkejja dan, ġew ingaġġati *private vessels*. Il-*procès-verbal*, f'paġna 272 et seq, bħala parti mix-xiehda tal-Brigadier Curmi, jagħmel referenza estensiva għall-operazzjoni kollha fil-perijodi tad-denunzja, partikolarment għall-kaz li fih sar is-salvataġġ u ritorn tal-immigranti lejn il-Libja. Minkejja din l-espożizzjoni twila fir-rapport, ma hemm ebda prova konklussiva li tindika li l-assi kollha kienu "in operation". Għall-kuntrarju, l-espert Martin Bajada jirrileva li filwaqt li kien hemm erba' dgħajjes fis-*SAR* ta' Malta bejn l-10 u l-15 ta' April 2020 (wara li kienu ddaħħlu l-immigranti marbuta mal-każ tal-P52), inkluż dik l-operazzjoni żvelata minn The Guardian u l'Avvenire, "id-dgħajjes kienu qed jiġu segwiti mill-iskwadra Marittima tal-FAM bil-Patrol Boats P02, P03, P05, P21, P24, u P62. Jirriżulta, għalhekk, li kienet il-P62 biss, bħala *offshore patrol boat*, li kienet qed tintuża f'operazzjoni, filwaqt li ma hemm ebda prova ta użu, o meno, ta' tlett *offshore patrol boats* oħra fl-istess żmien indikat mill-espert tekniku, u ċioé il-Patrol Boats P51, P 52, u P 61.

Il-Maġistrat, f'paġna 398 jgħid:

> *"Jirriżulta li fil-jiem in eżami, l-assets tal-armata kienu involuti f'għadd ta' talbiet għas-salvataġġ u ħtiġijiet oħra. Il-prijorita' tibqa' t-tħaris u s-salvataġġ tal-ġajja u s-siurta ta' dan il-pajjiż. Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Maġistrat Inkwirenti hu konvint li sar dak kollu possibbli biex ikunu salvati l-ħajjiet malajr kemm jista' jkun."*

Min-nuqqasijiet li jiġi stabbilit l-użu tal-assets kollha tal-FAM, mid-dewmien biex l-istess taġixxi għas-salvataġġ (madwar ħamsin siegħa mill-avviż tal-Frontex), kif ukoll ir-ritorn lura lejn il-Libja, bħala pajjiż ta' gwerra, din il-konklużjoni tal-Maġistrat Inkwirenti hija monka għaliex hija nieqsa mill-istħarriġ neċessarju ta' fatti oħra li baqgħu ma ġewx stabbiliti.

**Nuqqas li l-Maġistrat jinvestiga operazzjonijiet oħra fil-perijodu imsemmi fid-denunzji**

Jirriżulta mix-xiehda ta' Jeffrey Curmi stess kif ukoll mill-espert Martin Bajada (ara paġna 71), illi kien hemm diversi operazzjonijiet li kienu qed iseħħu fl-istess żmien mertu tal-investigazzjoni. Martin Bajada identifika diversi assi navali tal-Forzi Armati, inkluż dawk użati fl-operazzjoni żvelata b'filmati fil-media internazzjonali permezz ta' The Guardian u l'Avvenire fl-istess perijodu bejn id-9 u l-15 ta' April 2020.

Illi fl-20 ta' Mejju 2020 il-familjari tal-vittimi talbu sabiex dak li ġie żvelat fil-media internazzjonali jiġi investigat fil-kors ta' din l-inkjesta. Ġustament, allegaw illi dawn ir-rapporti tal-media "*jindikaw prima facie aġir irresponsabbli li jeħtieġ jiġi investigat mill-Maġistrat stante li jitfa' dawl fuq l-assjem ta' operazzjonijiet li wasslu għall-mewt ta' migranti fl-istess perijodu waqt l-operazzjonijiet ikkontrollati mill-Awtoritajiet Maltin.*" (paġna 41)

Illi għal din it-talba, permezz ta' digriet tat-23 ta' Mejju 2020, mhux komunikat lir-rikorrenti, il-Maġistrat qal li "*l-maġistrat jiġbor dawk il-provi kollha li jirriżultaw mir-riċerka tal-verita fid-denunzja mressqa mid-denunzjanti u mhux iwettaq xi fishing expedition*." Kompla, li "*mhux lest jeżorbita mit-termini tiegħu tal-in genere u mhux ha jippermetti li dawn il-proċeduri jiġu żvijati jew perpetwati inutilment*."

Illi din id-dikarazzjoni tal-Maġistrat turi bias kif ukoll nuqqas serju milli jinvestiga waħda mill-operazzjonijiet li seħħet fil-perijodu elenkat fid-denunzji.

Din it-talba mill-familjari, skond *il-procès-verbal*, saret wara li Martin Bajada identifika l-użu tal-assi tal-Forzi Armati f'dak il-perijodu imsemmi fid-denunzji, kif ukoll wara x-xhieda tal-Brigadier Jeffrey Curmi li xehed b'mod estensiv fuq l-operazzjonijiet kollha fl-perijodu, inkluż dawk żvelati fir-rapporti tal-media, u għalhekk, it-talba biex dak l-"*aġir" irresponsabbli jeħtieġ jiġi investigat mill-Maġistrat stante li jitfa' dawl fuq l-assjem ta' operazzjonijiet li wasslu għall-mewt ta' migranti fl-istess perijodu waqt l-operazzjonijiet ikkontrollati mill-Awtoritajiet Maltin."* **La hija fishing expedition u wisq inqas** teżorbita mit-termini tal-Maġistrat tal-in genere.

**Piż żejjed u skorrett fuq il-UNHCR fil-Libja**

Illi fit-22 ta' Mejju 2020 jirriżulta li ġiet preżentata email (Dok UNHCR01) dwar il-qagħda tad-detenuti fil-Libja u l-impenn tal-istess Organiżżazzjoni dwar dawk li ġew ritornati fl-operazzjoni taħt il-kontroll tal-Awtoritajiet Maltin. (paġna 64) Il-Maġistrat itenni dwar in-nuqqas ta' koperazzjoni minħabba l-privileġġi

li jgawdu fejn jikkwota ukoll note verbale lill-Ministeru tal-Affarijeit Barranin fit-8 ta' Mejju 2020. (paġna 377-378)

Illi fl-atti tal-inkjesta jirriżulta mod ieħor. L-email tal-uffiċjal tal-UNHCR (Libya) li għaliha jirriferi il-Maġistrat tgħid:

> *"Following their transfer to Tariq Al-Sikka DC, UNHCR made official demarches with the Libyan authorities for release from detention – with no results so far. In parallel, the Office conducted three visits during April to monitor the situation of the group with the last visit being on 29 April. More recently, UNHCR's partner agencies have visited Tariq Al Sikka DC where they undertook the distribution of hygiene kits and other assistance.*
>
> ***We understand that the situation of detainees remains very challenging due to reported psychological trauma resulting from experiences while at sea and standard of detention conditions in Libya. At the time of the visits, individuals also suffered from burns as a result of long exposure to sun and fuel.***
>
> ***We continue advocating for release with the authorities and will keep you updated of any progress to that end.****"*

Illi din l-email ġiet ippreżentata ukoll fil-kuntest tal-importanza li s-sopravissuti fil-Libja jagħtu x-xhieda tagħhom fl-inkjeta, u għaldaqstant il-konklużjoni tal-Maġistrat turi intempestività mhux ġustifikata biex jisma' lil dawn il-migranti bħala xhieda okulari bil-piż mitfugħ inġustament fuq il-UNHCR.

***Procès-verbal* taħt dell politiku. Prova ċara ta' *pushback.***

> Illi l-Maġistrat inkwirenti jirriferi, għal iktar minn darba, li l-operazzjoni ta' salvataġġ tal-immigranti mid-dgħajsa tas-sajd kienet waħda ta' "suċċess" (paġna 29), filwaqt li jgħid ukoll li "*Malta ma tistax tirrinunzja għall-obbligazzjonijiet internazzjonali tagħha li tikkordina s-salvataġġ, kif fil-fatt wettqet*…"(paġna 382).

Għall-Maġistrat, l-obbligu ta' salvataġġ ifisser u jasal biss sakemm il-persuna salvata issib ruħha fuq id-dgħajsa li salvatha, basta ittiha ftit ikel u ilma (paġna 301). Il-Maġistrat jiskarta għal kollox il-prinċipju ta' *non refoulement* fil-proċess ta' salvataġġ kif seħħ f'dan il-każ fejn l-il-FAM taw l-ordni biex il-persuni salvati jittieħdu lura il-Libja, pajjiż ta' gwerra, tanti li xhud li assista l-vjaġġ ta' salvataġġ ammetta li fil-Port ta' Tripoli kien żona ta' gwerra fejn kienu qed jiġi sparati *rockets*.

Mill-provi s’issa, jirriżulta li:

- d-dgħajjes Dar al Salam 1, kif ukoll Salve Regina u Ter Mar kienu qed joperaw bħala **aġenti tal-istat**, ingaġġatti direttament biex jagħmlu s-salvataġġ;
- l-ordni tal-*pushback* ġiet diretta mill-FAM, kif ammettew is-sid u il-kaptan ta’ Dar Al Salam 1;
- il-Birgadier Curmi jghid li id-deċiżjoni politika tal-*pushback* ma kienetx direttament tiegħu, għalhekk il-ħtieġa li jiġi stabbilit, u mhux biss inferit, li din id-deċiżjoni ġiet mill-Prim Ministru u l-Uffiċċju tiegħu;
- li l-Awtoritajiet kellhom il-kontroll efftettiv tal-operazzjoni ta salvataġġ tad-immigranti li ittieħdu lura fil-Libja;
- illi l-opinjoni legali tal-Kummissjoni Ewropea hija ċara dwar l-obbligi tal-istati membri. Is-*Schengen Borders Code* japplika wkoll għal għassa tal-fruntieri fl-ibħra (*high seas*). Din l-opinjoni tistabilixxi li l-istat membru għandu obbligu li jirrispetta, f’kull għassa fuq il-fruntieri li għandu kontroll tagħhom, id-drittijiet fondamentali tal-bniedem u l-prinċipju ta’ *non refoulement*. (ara paġna 15, HIRSI JAMAA AND OTHERS v. ITALY (ECHR Grand Chamber - Application no. 27765/09) deċiż 23 Frar 2012).
- L-operazzjoni ta’ *pushback* taqa’ fil-parametri tal-każ HIRSI JAMAA AND OTHERS v. ITALY

Fid-dawl ta’ dawn in-nuqqasijiet kollha, Repubblika qed tissoleċitak li tinvoka s-setgħat li għandek u l-atti lura lill-Maġistrat skond Artikolu 569(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Finalment, ukoll, nirriferi għall-ittra tiegħek lill-Prim Ministru tat-30 ta’ Mejju 2020, fejn qed tinfurmah li l-istess *procès-verbal* jista jiġi ppubblikat ħlief partijiet qosra minnu “bħala salvagwardja tal-obbligi ta’ riżervatezza ta’ investigazzjonijiet traskonfinati u ta’ sigurtà nazzjonali li ġew ikkanċellati bl-iswed qabel il-pubblikazzjoni.” Hekk kif ġie ppubblikat ir-rapport taħt l-awtorità tiegħek, Repubblika qed titlob li jiġu mgħoddija lilha għall-pubblikazzjoni kopja tax-xiehda tal-immigranti kollha li xehdu quddiem Dr Lennox Vella, kif ukoll ix-xiedha ta’ Clyde Caruana u Neville Gafà u d-dokumenti kollha relattivi ma’ dawn id-depożiżżjonijiet, stante li skond il-liġi dawn ukoll jiffurmaw parti integrali mill- *procès-verbal* ippublikat.



**Avv. Paul Borg Olivier** **Avv. Andrew Borg Cardona**

**Avv. Evelyn Borg Costanzi** **Avv. Joseph Ellis**